# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ħamis 8 ta' Ottubru, 2020**

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 647/11JRM**

Frankie *sive* Francis **CARUANA**

vs

**POLIDANO BROTHERS LIMITED (C – 8884)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-5 ta' Lulju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li l-kumpannija mħarrka waħedha taħti responsabbli għall-inċident li sehh nhar it-3 ta' April, 2009 waqt il-ħin tax-xogħol u li fih ġarrab ġrieħi li ħalqulu debilità li ma tgħaddix; (b) tillikwida d-danni li ġarrab b'riżultat ta' dak l-inċident; u (ċ) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallsu s-somma hekk likwidata bħala danni. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Awwissu, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-22 ta' Settembru, 2011, li biha l-kumpanija mħarrka laqgħet fil-mertu għall-azzjoni tal-attur billi qalet illi hija ma taħtix għall-dak li ġralu u m'għandhiex tħallsu kumpens għad-danni li jgħid li ġarrab;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Settembru, 2011[2], li bih ħatret lill-konsulent Massimo Abela bħala espert mediku sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attriċi u jagħmel l-osservazzjonjiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ, kif ukoll lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju;

Rat ir-Rapport imressaq mill-Perit Mediku fl-1 ta' Novembru, 2011[3], u minnu maħluf fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru, 2011;

Rat is-surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[4], li biha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u kif ukoll semgħet xhieda mogħtija quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2014[5], fejn għar-raġunijiet hemm imsemmija, ħassret il-ħatra mogħtija lill-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2015[6], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-15 ta' Settembru, 2015[7];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fl-24 ta' Novembru 2015[8], bi tweġiba għal dik tal-attur;

[1] Paġġ 6 – 7 tal-proċess
[2] Paġ. 15 tal-proċess
[3] Paġġ. 55 – 60 tal-proċess
[4] Paġ. 77 – 8 tal-proċess
[5] Paġ. 86 tal-proċess
[6] Paġ. 133 tal-proċess
[7] Paġġ. 134 sa 148 tal-proċess
[8] Paġġ. 149 sa159 tal-proċess

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi dokumentali mressqa quddiemha mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol. L-attur kien jaħdem bħala xufier mal-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Polidano"). L-attur jgħid illi korra wara li waqa' minn fuq is-saqaf tal-kabina ta' vettura (tal-għamla ta' "*tipper truck*") ta' Polidano li kien tqabbad iħaddem, meta kien qed jaħdem fil-Magħtab waqt li kien qiegħed jgħabbi materjal biex iġorru għal band'oħra għar-radam f'barriera, u wara li kien tqabbad minn uffiċjal tal-istess kumpannija biex jitla' hemm fuq biex jaqla' katina ta' ma' "tapit" (li għandu s-sura ta' romblu mdaqqas) minn ġol-kaxxa tat-trakk. Huwa jgħid li Poldano waħedha taħti għal dak il-korriment għaliex naqset li tara li jkun qed jaħdem f'ambjent ħieles mill-periklu u li tħares ir-regolementi tas-sigurtà biex tara li ma jweġġax. Billi ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux, talab li Polidano tagħtih kumpens għad-danni mġarrba marbut ma' telf ta' qligħ għall-ġejjieni ("*lucrum cessans*");

Illi għal din l-azzjoni Polidano laqgħet billi qalet li hija ma taħtix għal dak li ġara lill-attur, għalhekk lanqas hija marbuta li tħallsu xi kumpens għad-danni li huwa jgħid li ġarrab. Fid-Dikjarazzjoni maħlufa hija fissret li kien l-attur innifsu li ġab b'idejh il-ħsara li ġarrab meta, minkejja li kien imwissi biex ma jagħmilx hekk, mexa fuq iċ-ċinta ta' wara tat-trakk;

Illi <u>l-fatti li joħorgu mill-atti ta' din il-kawza</u> juru li, qabel dakinhar tal-inċident, l-attur kien ilu jaħdem ma' Polidano bħala xufier tal-vetturi madwar seba' (7) snin. Dakinhar tal-inċident, l-attur kellu ħamsin (50) sena. Fit-3 t'April, 2009, huwa mar fl-impjant ta' Polidano f'Ħal Farruġ biex jiġbor it-trakk[9]. Saq sal-Magħtab, u ftit wara li wasal tqabbad mill-*foreman* Joseph Agius sabiex jgħabbi romblu (dak li l-attur isejjaħlu 'tapit') tal-*membrane* għal fuq it-trakk. Dan ma kienx ix-xogħol li l-attur issoltu jagħmel[10];

Illi l-*foreman* Joseph Agius jgħid illi hu ġie mqabbad biex jgħaddi dan ix-xogħol lill-attur mis-superjur tiegħu, Paul Polidano. Jgħid ukoll li kien

[9] Paġ. 122 tal-proċess
[10] Affidavit Francis Caruana, Dok. "A" f'paġ. 38 tal-proċess

ordna *high-up* biex jintuża għal dak in-nhar iżda ma wasalx, u minflok intuża *excavator*[11] biex jgħabbi t-'tapit' fuq it-trakk li kien saq l-attur;

Illi Paul Polidano jgħid illi kien hu li ta l-ordni biex jintuża l-*excavator* (hymac). Xogħol l-attur kellu jkun illi, wara li t-'tapit' jitwaddab ġot-trakk, jitla' minn ma' sellum li kien hemm mal-ġenb tat-trakk, u jaqla' l-ganċ minn mat-'tapit' u jerġa' jinżel[12]. Huwa jikkonferma illi, bħala makkinarju għal dan ix-xogħol, seta' jintuża kemm *high-up* kif ukoll *excavator* għaliex ix-xogħol kien fil-baxx, u Polidano kienet laħqet użathom it-tnejn f'każijiet oħrajn qabel dan[13];

Illi l-attur jgħid ntalab jitla' fuq il-kabina tat-trakk biex jaqla' l-katina minn mar-romblu, ir-romblu dar, laqtu u tefgħu għal isfel m'ogħla sular. Huwa niżel fuq saqajh iżda ma felaħx jimxi. Paul Polidano jgħid li kien x'kien il-makkinarju li ntuża, jekk persuna titla' fuq kabina u tintlaqat minn romblu xorta tispiċċa mitfugħa 'l isfel[14];

Illi l-attur jgħid li kien liebes *safety shoes* li tatu Polidano, iżda mhux mgħammar b'*harness* għaliex bħala xufier, il-*harness* mhix bżonnjuża[15]. Joseph Agius ukoll jikkonferma li l-attur fil-jum tal-inċident kien liebes b'*safety shoes*[16], filwaqt illi Joseph Polidano jgħid illi bħala tgħamir l-attur kien ingħatalu *safety shoes*, ġakketta u beritta bħala xufier biex tilqa' għaż-żrar li jista' jaqa';

Illi wara l-inċident, l-attur ttieħed il-poliklinika u mbgħad l-isptar. Irriżulta li ġarrab ksur f'għerieqbu u nefħa fl-għekiesi. Ġie operat erba' darbiet, u għamel sena ma jersaqx għax-xoghol, għalkemm xorta baqa' jitħallas minn Polidano[17]. Meta daħal lura għax-xogħol beda jagħmel xogħol ieħor ta' anqas strapazz, u meta rpilja reġa' tqabbad isuq it-trakkijiet ma' l-istess kumpannija[18]. Jgħid illi ċertu xogħol m'għadux jista' jagħmlu, u t-tobba qalulu li ma hemm xejn iżjed x'jista' jsirlu biex saħħtu titjieb[19]. Hu talab kumpens għal dak li ġarrab lil Polidano, iżda din m'għarfetx li għandha ħtija għal dak li ġralu l-attur;

Illi fil-5 ta' Lulju, 2011, infetħet din il-kawża;

---

[11]Affidavit Joseph Agius, Dok. "B" f'paġ. 40 tal-proċess. F'paġ. 124 Paul Polidano jikkonferma illi l-high Up ma kienx fuq is-sit dak in-nhar tal-inċident
[12] Paġġ. 119 – 120 tal-proċess
[13] Paġ. 124 tal-proċess
[14] Paġ. 127 tal-proċess
[15] Dok. "A" f'paġ. 38 tal-proċess
[16] Dok. "B" f'paġ. 41 tal-proċess
[17] Dok. "A" p'paġ. 39 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Marlon Galea f'paġġ 102 – 4 , u Dokti. "MG1" sa Dok. "MG14" f'paġġ 89 sa 101 tal-proċess
[19] Dok. "A" f'paġġ. 38 – 9 tal-proċess

Illi jirrizulta li la l-attur u l-anqas Polidano ma daħħlu rapport dwar l-inċident mal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol[20];

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel <u>il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ</u>. Il-Qorti trid tistħarreġ dwar min kien jaħti għall-inċident li fih korra l-attur u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin minn Polidano, partikolarment id-dikjarazzjoni tagħha li tgħid li dak li ġara seħħ bi ħtija tal-attur innifsu;

Illi fir-rigward ta' x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni, huwa l-obbligu li l-attur iġib provi tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu u l-korriment waħdu marbut max-xogħol li kien qiegħed jagħmel dak il-ħin ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddmu. It-teżi waħdanija tal-attur hija li Polidano naqset li tħaddem sistema tajjeb u xieraq biex saħħtu ma titqiegħedx f'periklu waqt li kien qed jaħdem magħha. Huwa jgħid li korra waqt li kien qiegħed jaħdem u waqt li kien qed jagħmel dak li tqabbad jagħmel. Jiċċara wkoll li dak li tqabbad jagħmel ma kienx ix-xogħol normali tiegħu, billi xogħolu huwa dak li jsuq il-vetturi;

Illi min-naħa tagħha, Polidano tiddefendi l-każ tagħha fuq żewġ linji ta' difiża: l-ewwel waħda li hija ħadet il-prekawzjonijiet kollha raġonevolment mistennija mil-liġi biex l-attur (bħal ħaddiema oħrajn tagħha) ma jkorrix, u t-tieni waħda li l-inċident ġara għaliex l-attur għamel dak li ma kellux jagħmel, jiġifieri joqgħod fuq il-kabina tat-trakk u jimxi fuq il-pizz tal-kaxxa tal-istess vettura;

Illi fid-dawl ta' dawn il-qagħdiet rispettivi tal-partijiet, il-Qorti sejra tibda billi tistħarreġ **il-kwestjoni tal-ħtija** għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tiegħu u wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa minn Polidano;

Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[21]. B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għall-imġiba mal-ħaddiem tiegħu[22], sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

[20] Xhieda David Saliba f'paġ. 63A-63C tal-proċess
[21] Art. 1031 tal-Kap 16
[22] Art. 1037 tal-Kap 16

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli, għalkemm mhux assolut, ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[23] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u ssigurtà tal-ħaddiem[24];

Illi huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[25]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[26];

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[27], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[28] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[29]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[30];

Illi dan kollu juri li r-responsabbiltà tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*"). Għalkemm hija responsabbiltà li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[31], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbiltà, u tista' saħansitra

[23] Art. 6(2) tal-Kap 424
[24] Art. 6(3) tal-Kap 424
[25] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[26] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)
[27] Art. 7(1) tal-Kap 424
[28] Art. 7(2) tal-Kap 424
[29] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd***
[30] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[31] Art. 1032(1) tal-Kap 16

tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[32];

Illi l-istħarriġ li l-Qorti trid tagħmel huwa dwar jekk, fil-ħin li ġara l-inċident, l-attur kienx għamel xi ħaġa li ma messux għamilha jew m'għamilx xi ħaġa li kien intalab jagħmel, u jekk dan kollu ġarax fin-nuqqas ta' xi ċirkostanza li Polidano messha rat li tkun hemm u ma kenitx. L-attur jilmenta mill-fatt li l-inċident seħħ minħabba li ntalab jagħmel xogħol li ma kienx dak li messu jingħatalu, u li ma kienx mgħammar kif meħtieġ biex ma jiġrilux dak li ġralu;

Illi mill-provi ħareġ li x-xogħol li l-attur tqabbad jagħmel dak inhar kien xogħol lil hemm mir-rutina tiegħu tas-soltu. Huwa tqabbad jgħin lil impjegat ieħor filli jgħabbi romblu jew 'tapit' tal-*membrane* għal fuq trakk li kien qed isuq hu. Il-Qorti fehmet illi ir-romblu tqabbad b'ganċ, ġie mgħolli għal fuq it-trakk permezz ta' *excavator*, u malli r-romblu tqiegħed fil-kaxxa tat-trakk u billi ma daħalx sewwa fl-istess kaxxa, malli l-attur ġie biex jaqla' l-katina li ikien marbut magħha t-'tapit', dan inbaram u laqat lill-attur u tefgħu għal isfel. Il-kwistjoni kollha hija jekk kienx hemm il-ħtieġa illi l-attur, biex jagħmel dan ix-xogħol, kellux joqgħod jixref fuq is-saqaf tal-kabina tat-trakk u jimxi fuq il-pizz tal-kaxxa, u jekk Polidano tabilħaqq wissitux bil-ħtieġa illi jilbes tagħmir xieraq u pprovditlux dan it-tagħmir;

Illi l-attur jgħid illi r-romblu ma qagħadx mit-tul kompletament fil-kaxxa tat-truck[33]. Kien qed iserraħ fil-kaxxa, u kif ċedielu l-piż tal-katina, ir-romblu ċċaqlaq u tefgħu lura[34]. Huwa jispjega illi meta ġara l-inċident kien fuq is-saqaf tal-kabina tat-trakk, iċ-ċinga kienet qiegħda 'l isfel ġol-kaxxa u ma kellux triq oħra ħlief li jitla' fuq is-saqaf tal-kabina tat-trakk biex jidderieġi lil min kien qed jgħabbi t-'tapit' minn ġol-*excavator*, u mbagħad jimxi mal-pizz tal-kaxxa tat-trakk jinżel ġo fiha biex seta' jħoll il-ganċ[35]. Min-naħa l-oħra, Polidano tgħid illi l-attur ma messux qagħad jagħmel dan kollu għaliex ma' ġenb it-trakk kien hemm sellum[36] u kulma ried jagħmel l-attur kien illi jitla' s-sellum malli jitwassal it-'tapit' u jinżel bil-galbu ġol-kaxxa tat-trakk. Tgħid ukoll li, sa ma t-'tapit' jitqiegħed fil-kaxxa, l-attur kellu joqgħod isfel[37], jiġifieri mat-triq;

Illi għar-rigward it-tagħmir li Polidano kienet obbligata tagħti lill-attur, jirriżulta illi fil-jum tal-inċident, l-attur ingħata u kien liebes is-*safety*

[32] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[33] Paġ. 112 tal-proċess
[34] Paġ. 113 tal-proċess
[35] Paġ. 114 tal-proċess
[36] F'dokument imressaq minn Polidano b'ritratt ta' trakk tagħha, s-sellum ma jidhrix. Ara Dok "PBL2", f'paġ. 132 tal-proċess
[37] Paġ. 120 tal-proċess

*shoes*. Huwa jgħid illi ma kellu bżonn ta' xejn aktar bħala xufier[38]. Jirriżulta wkoll illi, għajr għal kopja ta' avviż li l-kumpanija mħarrka ħarget fis-sena 2004 lill-ħaddiema tagħha fejn fiha hemm struzzjonijiet dwar x'għandhom jagħmlu l-ħaddiema sabiex iħarsu saħħithom fuq il-post tax-xogħol[39], ma nġabet ebda prova illi l-attur ingħata xi forma ta' taħriġ dwar x'kellu jagħmel f'sitwazzjonjiet partikolari;

Illi l-Qorti m'hijiex f'qagħda li toqgħod għal kollox fuq il-verżjoni l-waħda jew l-oħra, ukoll għaliex iż-żewġ verżjonijiet x'aktarx huma wċuħ ta' rejaltà li kienet teżisti imma mhux tal-verità kollha. Kif ingħad, il-Qorti tagħżel li toqgħod fuq elementi pruvati li juru x'kienu ċ-ċirkostanzi immedjati tal-post fejn seħħ l-inċident. Min-naħa ta' l-attur, il-Qorti tqis bħala relevanti l-fatt illi l-attur meta telaq għax-xogħol ma kienx jaf li kien ser jagħmel xoghol 'straordinarju', lil hinn minn xogħolu bħala sewwieq ta' trakk. Huwa għaldaqstant libes biss is-*safety shoes*. Għaldaqstant, ma kienx qiegħed jaħseb li kellu jitlob lil Polidano tipprovdilu *safety harness*. Tqis wkoll illi l-attur qagħad għal ordni li ngħatatlu mis-superjur tieghu, u li sakemm ir-romblu tniżżel ġot-trakk, qagħad jistenna li jsir dan fuq il-kaxxa tat-truck biex ikun jista' jidderieġi lil min kien qiegħed isuq l-*excavator* biex jimmira t-'tapit' sewwa għal ġol-kaxxa tat-trakk. Iċ-ċirkostanza tal-*excavator* ukoll jidher li kienet waħda li l-attur ma setax jantiċipa, għaliex kien biss wara li wasal fil-Magħtab li rriżulta li l-"*high-up*" li kellu jerfa' t-'tapit' għal ġol-kaxxa tat-trakk (u li huwa tagħmir li lil min ikun qed iħaddmu jagħtih viżwali tajba ta' kif iniżżel it-tagħbija ġol-kaxxa tat-trakk bla ma jkollu bżonn min jidderiġieh) ma kienx ġie fuq il-post;

Illi min-naħa ta' Polidano, il-Qorti tqis illi lill-attur ipprovdietlu biss *safety shoes*, ġakketta u beritta. Tqis ukoll l-mogħdija taż-żmien mid-data tal-ħruġ tal-avviz u id-data tal-inċident, kif ukoll l-istqarrija ta' l-attur meta jgħid illi jbagħti biex jaqra[40];

Illi l-Qorti ma tistax toqgħod fuq l-argument imressaq minn Polidano illi kien jaqa' fuq l-attur illi jitlob għal *harness* meta ntalab biex jagħmel dan ix-xogħol, dan meta l-liġi titfa' l-obbligu li l-impjegati jiġu mgħammra kif meħtieġ fuq l-imgħallem qabel ma jagħti x-xogħol li kellu jsir. Minbarra dan, kien jaqa' fuq Polidano wkoll li turi li, f'dak il-ħin partikolari, l-attur kien sorveljat kif jixraq, aktar u aktar meta ma kienx ħaddiem ta' esperjenza u midħla mal-biċċa xogħol partikolari li ngħata jagħmel[41]. Il-ħtieġa ta' superviżjoni ma tistax tkun traskurata, u l-ebda taħriġ minn qabel ma huwa

[38] Paġ. 110 tal-proċess
[39] Dok. "A" f'paġ. 14 tal-proċess
[40] Paġ. 109 – 110 tal-proċess
[41] Ara, P.A. NA **29.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells et noe***; u P.A. RCP **30.10.2008** **f**il-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd*** (mhix appellata)

biżżejjed biex jeħles lil min jagħti x-xogħol mid-dmir li jipprovdi lill-ħaddiem tiegħu mis-superviżjoni xierqa minn persuna ta' ħila u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident[42]. Dan l-obbligu tas-sorveljanza huwa parti sħiħa minn dak li l-liġi tifhem bih bħala l-ambjent tax-xogħol imbiegħed mill-perikli[43]. Din ir-regola tgħodd ukoll fejn ix-xogħol mogħti lill-ħaddiem ma jkunx ġdid għalih u fejn ikun hemm il-possibiltà li r-rutina twassal lill-istess ħaddiem biex jillaxka l-attenzjoni tiegħu[44];

Illi, fid-dawl tat-tieni linja ta' difiża ta' Polidano, il-Qorti trid tqis wkoll l-argument illi l-attur seta' ikkontribwixxa għall-ħsara li ġarrab b'dan l-inċident. Dan qed jingħad għaliex il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-attur, minflok ma qagħad jistenna mill-art li r-romblu jitniżżel fil-kaxxa tat-trakk qabel jitla' jħoll iċ-ċinga, hu qad jagħmel dan minn fuq il-kabina tat-trakk;

Illi l-liġi trid illi fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet[45]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan irrigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[46], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[47]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[48]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi huwa meqjus li persuna tkun ikkontribwiet għall-ħsara li setgħet ġarrbet fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat

[42] P.A. TM **19.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Spiteri vs Jesmond Micallef pro et noe*** (mhix appellata)
[43] P.A. DS **23.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe*** (mhix appellata)
[44] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Farruġia vs M.I.M.C.O.L.*** (mhix appellata)
[45] Art. 1051 tal-Kap 16
[4646] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)
[47] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***
[48] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***

jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu[49];

Illi l-Qorti tgħaraf illi Polidano ma qajmitx b'mod speċifiku eċċezzjoni marbuta mal-kontributorjetà tal-attur fit-Tweġiba Maħlufa, u kien biss fid-Dikjarazzjoni Maħlufa li taċċenna għaliha b'mod miftuħ. Għaldaqstant għalkemm huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, l-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih[50], għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti ssib li din d-difiza ma tistax tqisa b'waħda tajba. Polidano ma seħħilhiex tmieri ċ-ċirkostanza li kien uffiċjal tagħha stess u superjur tal-attur li ordnalu jitla' fuq il-kabina biex jgħin lill-operatur tal-*excavator* biex iniżżel it-'tapit' sewwa fil-kaxxa tat-trakk;

Illi fl-aħħarnett, din il-Qorti tqis ukoll in-nuqqas min-naħa ta' Polidano li tirrapporta l-inċident lill-Awtorità kompetenti. Dan jixhed atteġġament ta' nuqqas min-naħa ta' Polidano tat-twettiq ta' obbligu impost fuqha mil-liġi f'ċirkostanza fejn ikun seħħ "feriment gravi"[51] u jwaqqa' ħafna mill-kredibilità tagħha meta tgħid li hija wettqet kulma titlob minnha l-liġi biex tħares saħħet il-ħaddiema tagħha u, b'mod partikolari, saħħet l-attur fil-każ tallum;

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li Polidano waħedha taħti għall-ħsara li l-attur ġarrab fl-inċident li hu korra fih waqt ix-xogħol tiegħu magħha, u għalhekk hija sejra tilqa' l-ewwel talba tiegħu u tiċħad l-eċċezzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-ħsara mġarrba mill-attur fl-inċident mertu tal-każ hija waħda li ma titfejjaqx u ma titreġġax lura[52]. Hija ħsara li ma tgħaddix u hija ħsara parzjali. Jirriżulta wkoll illi l-attur baqa' jitħallas tul iż-żmien li kien barra mix-xogħol u li meta reġa' daħal lura għax-xogħol ma' Polidano ngħata xogħol ħafif bl-istess ħlas u, mbagħad, reġa' tqabbad jagħmel ix-xogħol tiegħu ta' qabel bħala xufier tat-trakkijiet. Jirriżulta wkoll bla ebda dubju u kontestazzjoni li d-debilità li l-attur għadu jġorr hija l-effett dirett tal-inċident u għalhekk tirriżulta wkoll ir-rabta kawżali bejn l-inċident u l-ħsara mġarrba;

---

[49] Ara b'eżempju App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe***
[50] Ara s-sentenza P.A. RCP 31.5.2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)
[51] Reg. 22(2) tal-A.L. 52/1986 (L.S. 424.09)
[52] Ara rapport mediku ta' Mr Massimo Abela f'paġġ. 55 – 60 tal-proċess kif ukoll dak tal-Konsulent Anthony A. Bernard f'paġġ 32 – 3 tal-proċess

Illi l-Qorti għaldaqstant sejra issa tqis **it-tieni talba attrici** u tgħaddi biex tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur. It-talba tal-attur hija marbuta biss mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni ("*lucrum cessans*");

Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-kumpens li jistħoqqlu jiġbor l-attur. F'dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans,* il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata digà minn dak inhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;

Illi l-kliem "*inkapaċità għal dejjem*" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "*f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dak il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv*"[53];

Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-principju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn[54];

Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is theat past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*[55]";

---

[53] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)
[54] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)
[55] Kemp (Ed), *Damages for Personal Injury and Death*, (3rd Edit) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64

Illi din id-distinzjoni tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċizjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża[56]. Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[57];

Illi ħaġa oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment[58]. Huwa għalhekk li jinsab stabilit ukoll li l-*multiplier* jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn[59]. Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal;

Illi dakinhar li seħħ l-inċident, l-attur kellu ħamsin (50) sena. L-aħħar dħul tiegħu skond l-FS3 relattiva għas-sena 2008 (jiġifieri s-sena ta' qabel seħħ l-inċident) kien dak ta' €8159.66 gross[60]. Dan l-ammont kien jgħodd fih tnaqqis ta' € 1534.84 f'taxxa tad-dħul u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Fl-2009 id-dħul gross tiegħu kien ta' € 5222.42[61]. Matul dik is-sena, l-attur ingħata kumpens mid-Dipartiment minħabba l-korriment. Dan l-ammont kien jgħodd fih is-somma ta' €1572.48 bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali. Id-dħul gross tiegħu fl-2010 kien ta' €7053.61 bi tnaqqis ta' € 1507.20 f'kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali[62];

---

[56] App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.500**)
[57] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez, Vol. **LXXXII.ii.242**)
[58] P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhux appellata)
[59] Kemp *op cit*. §§ 3.29 - 3.30 f'paġ. 73
[60] Dok "FC8", f'paġ. 34 tal-proċess
[61] Dok "FC 9" f'paġ. 35 tal-proċess
[62] Dok "FC10", f'paġ. 36 tal-proċess

Illi jekk wieħed jieħu l-medja tal-imsemmi dħul u jieħu b'qies iż-żidiet tal-għoli tal-ħajja li ngħataw fis-snin effettivi li huwa kien baqa' fl-impieg ma' Polidano, il-Qorti ssib li l-multiplikand xieraq bħala dħul nett li l-attur kien jistenna mill-impieg tiegħu jkun ta' sebat elef u mitejn euro (€ 7,200) fis-sena;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tal-grad ta' debilità mġarrab mill-attur ma jidhirx li hemm kuntrast. Il-perit mediku maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma li l-attur għandu grad ta' debilità ta' erbatax fil-mija (14%). Din il-qagħda hija waħda li ma tgħaddix u se' jibqa' jġorrha għal ħajtu kollha. Polidano ma ikkontestatx din ir-riżultanza;

Illi dwar l-għadd tas-snin li l-Qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak in-nhar tal-inċident, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' tlettax-il (13) sena. F'dan ir-rigward, il-Qorti qiegħda tqis li il-kriterju tal-*multiplier* ma jiħux tabilfors in konsiderazzjoni l-aspettativa tal-ħajja kollha tax-xogħol tal-persuna mġarrba. F'dan il-każ, illum huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant[63], li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[64]. Madankollu, huwa daqstant minnu li l-kejl tal-*multiplier* intuża wkoll mill-Qrati tagħna fejn l-età tal-persuna korruta kien qabeż l-età tal-irtirar mix-xogħol u minkejja li l-vittma ma kenitx taħdem bi qligħ minnufih qabel l-inċident[65];

Illi għal dak li jirrigward t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se jsir ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*"), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[66]. L-attur fetaħ il-kawża ftit aktar minn sentejn wara li kellu l-inċident. F'dan il-każ, madankollu, il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa xieraq li jsir tnaqqis għaliex it-tul li ħadet il-kawża biex tasal għal għeluq tagħha ma jaħtix għalih l-attur[67];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni ('*lucrum cessans*') fis-somma ta' tlettax-il elf mija u erba' euro (€13,104)[68];

Illi għall-finijiet tat-**tielet talba attriċi** u minħabba li ħareġ li Polidano waħedha kienet taħti għal dak li ġarrab l-attur, il-Qorti ssib li hija l-

[63] App. Ċiv. **3.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Darren Sammut vs Eric Żammit***
[64] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (appellata)
[65] Ara, per eżempju, P.A. AJM **4.10.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Smith vs Peter Grech*** (mhix pubblikata) u P.A. AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud***
[66] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[67] P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-isimijiet ***Yvonne Cassone pro et noe vs Alfred Calamatta et noe***
[68] € 7,200 x 0.14 x 13 = € 13,104

istess kumpannija mħarrka li trid tagħmel tajjeb u tħallas is-somma ta' danni likwidata;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi billi** ssib lil-kumpannija imħarrka waħedha kienet taħti għall-inċident li seħħ fit-3 ta' April, 2009, waqt li l-attur kien qiegħed jaħdem mal-istess kumpannija mħarrka fil-Magħtab, meta l-attur waqa' minn fuq trakk li kien qiegħed jitgħabba u li fih huwa ġarrab ħsara parzjali li ma tgħaddix;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħsara li ġarrab l-attur minħabba fl-imsemmi inċident fis-somma ta' tlettax-il elf mija u erba' ewro (€ 13,104);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' tlettax-il elf mija u erba' ewro (€ 13,104), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mill-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**8 ta' Ottubru, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**8 ta' Ottubru, 2020**